14 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Sammut

**Annimali tal-Ħalib — Art. 198 (3) tal-Kap. 13 — Notifikazzjoni tal-Gvern 244 ta' l-1946.**

*Ir-regolamenti li jipprojbixxu li jinżammu bhejjem tal-ħalib f'area projbita ma japplikawx għal dawk l-annimali li jinżammu għal-użu proprju.*

Fuq l-imputazzjoni illi dawn il-ġranet, Ħal Balzan,

Three Churches Street, Alley no. 2, no. 3, żamm bhejjem tal-ħalib f'area projbita, l-imputat, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-30 ta' April 1952, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena ta' l-ammonizzjoni u ripriensjoni, u ġie lilu mogħti żmien xahrejn biex jikkonforma ruħu mal-liġi, taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum f'każ ta' nuqqas;

L-imputat appella, u talab ir-revoka ta' din il-pronunċja:

Ma hux kontrastat illi l-imputat għandu żewġ mogħżiet u żewġ nagħġiet għall-bżonnijiet tiegħu;

L-imputat sostna illi n-Notifikazzjoni tal-Gvern 244 ta' l-1946, li taħtha saret l-imputazzjoni, ma tapplikax fil-każ li l-annimali jiġu miżmuma għall-użu proprju;

Din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawża "Pul. vs. Rosario Borg", 20 ta' Lulju 1951, irriteniet illi, meta dawn l-annimali jkunu miżmuma għall-użu proprju u mhux għall-bejgħ tal-ħalib, allura dik in-Notifikazzjoni ma tapplikax;

Ir-regolament inkorporat fin-Notifikazzjoni għandu jiġi nterpretat fl-ambitu tal-liġi li bis-saħħa tagħha ġie emanat. Issa, meta wieħed jaqra l-art. 198(3) LL. Palizija, Kap. 13, li taħtu ħarġet in-Notifikazzjoni, għandu jara li dik il-liġi qegħda tirriferixxi għall-annimali ntiżi għall-bejgħ tal-ħalib; għax diversament ma kienx ikun hemm sens fil-kliem "dħul ta' bhejjem tal-ħalib fil-bliet u fl-irħula". B'dik il-liġi l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ġie awtorizzat jagħmel regolamenti dwar appuntu dan id-dħul ta' bhejjem tal-ħalib fil-bliet u fl-irħula, u huwa kwindi loġiku li wieħed jgħid li r-regolament ma setax ħlief jikkontempla dawk l-annimali li kienu ntiżi għall-bejgħ tal-ħalib;

L-Imħallef sedenti għalhekk jaqbel ma' dak li rritjena l-ġudikant ta' qablu fl-imsemmija sentenza;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tiddikjara l-imputat mhux ħati, tħassar is-sentenza appellata, u tordna li l-imputat jiġi liberat.